MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-9 ta' Ġunju, 2021

Appell Inferjuri Numru 18/2018 LM

**Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) f'isimha proprju u għan-nom u in rappreżentanza tal-Korporazzjoni Enemalta u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma**
*("l-appellanta")*

***vs.***

**Christopher Agius u Jesmond Tonna bħala kjamat fil-kawża *ai termini* tad-digriet tas-26 ta' Lulju 2013**
*("l-appellati")*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà rikorrenti **Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) f'isimha proprju u għan-nom u in rappreżentanza tal-Korporazzjoni Enemalta u l-Korporazzjoni għas-Servizzi**

**tal-Ilma**, [minn issa ’l quddiem “is-soċjetà appellanta”], minn (a) lodo arbitrali mogħti fl-Arbitraġġ numru EW3606/2013 fit-12 ta’ Frar, 2018, [minn issa ’l quddiem “il-lodo arbitrali”], mit-Tribunal tal-Arbitraġġ [minn issa ’l quddiem “it-Tribunal”] fi ħdan iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta’ Malta [minn issa ’l quddiem “iċ-Ċentru”], li permezz tiegħu ddeċida t-talba tal-imsemmija soċjetà appellanti fil-konfront tal-intimat **Christopher Agius** u **l-kjamat fil-kawża Jesmond Tonna** [minn issa ’l quddiem rispettivament “l-appellat” u “l-kjamat fil-kawża” u flimkien “l-appellati”], kif ġej:

*“Għal dawn il-motivi l-arbitru isib li t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti huma gustifikati iżda limitatament biss fl-ammont hawn fuq likwidat ta’ €1,679.86.*

*Ma għandhom jiddekorru ebda imgħax fuq din il-figura għajr mid-data tal-presenti.*

*L-ispejjes kollha ta’ dawn il-proċeduri, ad eċċezzjoni tad-drittijiet professjonali tal-konsulenti rispettivi tal-partijiet, kif ukoll is-somma hawn fuq likwidata ta’ €1,679.86 għandhom jitħallsu solidalment mill-intimat u mill-kjamat in kawza, iżda fir-relazzjonijiet interni ta’ bejn l-istess intimat u kjamat in kawza jekk jirriżulta li l-intimat ħareġ xi ċenteżmu, l-istess għandha tiġi rifuża lilu mill-kjamat in kawza.”*

## Fatti

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw il-ħlas pretiż mis-soċjetà appellanta fil-konfront tal-appellati, ta’ €43,771.79 rappreżentanti s-somma ta’ kontijiet għall-konsum tal-elettriku u tal-ilma u tal-kera ta’ *meters* tal-istess servizzi, kollox relatat mal-kont numru 101000050067 fl-isem l-appellat.

## Mertu

3. Is-soċjetà appellanta intavolat proċeduri tal-Arbitraġġ fil-konfront tal-appellat, kemm f’isimha proprju u anki għan-nom u in rapprezentanza tal-

Korporazzjoni Enemalta u tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, permezz ta' Avviż tal-Arbitraġġ li ġie ppreżentat fis-26 ta' April, 2013, fejn filwaqt li fissret li n-natura tat-talba tagħha kienet tirrigwarda tilwima marbuta mal-kera tal-*meters* rispettivi u mal-konsum tal-elettriku u tal-ilma, iddikjarat li l-pretensjoni tagħha kienet għall-ħlas tas-somma ta' tlieta u erbgħin elf, seba' mija u wieħed u sebgħin Euro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€43,771.79), rappreżentanti bilanċ fuq somma akbar, u dan flimkien mal-imgħax kummerċjali u mal-ispejjeż ta' dik il-proċedura u dawk skont il-prospett hemm anness bħala Dok. A.

4. L-appellat wieġeb fit-3 ta' Ġunju, 2013 fejn eċċepixxa preliminarjament li huwa ma kienx il-leġittimu kontradittur, u fit-tieni lok li t-talbiet tas-soċjetà appellanta kienu infondati.

5. L-appellat ressaq talba għall-kjamat fil-kawża ta' Jesmond Tonna, li allegatament kien it-terz li użufruwixxa mill-kiri tal-*meters* u mis-servizz tal-elettriku u tal-ilma. It-talba tiegħu ġiet milqugħa mit-Tribunal fis-26 ta' Lulju, 2013 u l-kjamat fil-kawża ppreżenta tweġiba fl-24 ta' Diċembru, 2013 fejn eċċepixxa li l-ammont pretiż kien eżaġerat u ma kellu jbati l-ebda mgħax u lanqas spejjeż ta' dik il-proċedura.

**<u>Il-Lodo Arbitrali</u>**

6. It-Tribunal wasal għal-lodo arbitrali wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"L-ewwel li irid jigi stabbilit huwa jekk l-intimat hux il-leġittimu kontradittur tas-soċjetà rikorrenti. Irriżulta illi il-konsumatur reġistrat mal-Korporazzjoni Enemalta huwa l-intimat. Irriżulta ukoll illi l-intimat irreġistra lilu innifsu bħala konsumatur bi pjaċir għal Jesmond Tanti* [sic!] *billi kien ħabib tiegħu u billi huwa kien jaħdem mal-Enemalta Corporation, allura seta' jgħaġġel il-proċedura għall-installazzjoni tas-servizz. Irriżulta ukoll illi fattwalment Tanti kien jagħmel użu esklussiv mill-fond in kwistjoni u mhux l-intimat.*

*Billi l-intimat huwa il-persuna li fuqu jinsab reġistrat is-servizz isegwi allura li is-soċjetà rikorrenti kienet perfettament ġustifikata u korretta li tiċċita lilu bħala intimat. L-intimat għamel sewwa li ikkjama in kawża lil Jesmond Tanti* [sic!] *la darba kien hu li gawda mis-servizz provdut fil-fond.*

*Stante li dan Tanti* [sic!] *ġie kjamat in kawża huwa ġust u ekwu illi fl-eventwalità li t-talbiet attriċi jigu akkolti allura jkunu kemm l-intimat kif ukoll il-kjamat in kawża li għandhom jirrispondu għat-talbiet tar-rikorrenti u allura li jiġu ikkundannati solidalment bejniethom versu is-socjetà rikorrenti.*

*Huwa għal każijiet bħal dawn li l-istitut tal-kjamat in kawża jagħmel ħafna sens.*

*Meta xehed Reuben Bonnici, ir-rappresentant legali tas-soċjetà rikorrenti, stqarr li mill-ammont reklamat ta' €43,771.79 hija biss is-somma ta' €23,846.22 li tirrrapresenta, allegatament, qari attwali tal-meter installat fil-fond. Li żgur hu huwa l-fatt li l-bilanċ huwa estimu stante li meta kien imur il-*meter reader *kien isib dejjem il-post magħluq.*

*Irriżulta li il-fond kien jintuża bħala store u fih kien hemm biss żewg* freezers *u tlett tubi.*

*Ġie esebit dokument li ġie markat bhala RB1 li minnu jirriżulta li l-intimat Agius kien talab li jsir* test *fuq il-meter u l-istess meter kien ġie esaminat minn persuna imqabbda mir-rikorrenti stess – certu A. GATT – u instab li kien difettuż u id-difett kien jikkonsisti fil-fatt illi ma kellux "display".*

*Dan l-eżami sar fil-5 ta' Novembru 2012 u għalhekk loġikament ma jistax jiġi stabbilit meta attwalment żviluppa id-difett, u ċioe kemm qabel. Il-kontijiet imorru lura għas-sena 2009. La darba irriżulta li il-meter kien difettuż billi ma kienx seta' jinqara, kien jispetta lis-socjetà rikorrenti li tipprova li attwalment il-*meter reader *kien qara l-istess meter u ma kienx biss li qal li għamel hekk. La irriżulta li il-*display *tal-meter ma kintx qed tagħmel xogħolha ċertament li minn dakinhar 'l hawn il-*meter reader *ma setax qara il-meter. Ma ġiex u ma setax jiġi stabbilit meta il-meter*

*gralu l-ħsara. Li seta' jiġi stabbilit b'ċertezza – iżda li ma ġiex stabbilit – huwa il-fatt jekk il-*meter reader *qarax jew le l-istess meter.*

*Dan il-*meter reader *ma ittellax biex jixhed u jikkonferma bil-ġurament li huwa qara fiżikament l-arloġġ in kwistjoni u li allura f'dak iż-żmien dan l-arloġġ kien funzjonanti. Din kienet prova li setgħet inġabet mis-soċjetà rikorrenti in sostenn tat-teżi tagħha.*

*Ġie preżentat ukoll dokument ieħor u ċioe dak markat "VB1" li huwa ċertifikat maħruġ fuq il-firma tal-ingineer Victor Bonello.*

*Illi kuntrarjament għal* meter read*, dan Bonello tela' u xehed f'dawn il-proċeduri u wara li ikkonferma li ġie inakarigat mill-intimat sabiex jeżamina u jistma kemm jaħlu żewġ* counter-freezers *u tlett tubi dan ikkonferma illi dawn l-apparati jaħlu konsum ta' 1,626Wh li jġibu spiża ta' €325.20 fis-sena.*

*Din l-istima ma ġiet b'ebda mod kontestata u wisq anqas kontradetta mis-soċjetà rikorrenti. Din l-istima ġiet konfermata bil-ġurament mill-istess Bonello. L-arbitru jħoss li huwa għandu l-ewwel nett jemmen lil dan ix-xhud u sekondarjament jaċċetta il-kalkolazzjonijiet tiegħu bħala veritjeri.*

*Il-kont ikopri il-perijodu mill-30 ta' April 2009 sal-24 ta' Jannar 2013 u ċioe perijodu ta' tlett snin u disa' xhur.*

*Bejn dak li stabbilixxa bħala li kellu jkun il-konsum bl-apparat installat fil-fond u ċioe l-ammont ta' €325.20 fis-sena, għall-istess perijodu, li dan il-kont ikopri u ċioe tlett snin u disa' xhur jidher li kien jkun hemm konsum dovut għad-dawl ħlas ta' €1,219.50.*

*Jidher mill-kontijiet esebiti illi konsum ta' ilma ma kienx hemm.*

*Ma' dawn wieħed irid iżid loġikament il-kera tal-istess arloġġ. Issa l-arloġġ irriżulta li kien difettuż iżda kieku stess kellu jkun hemm wieħed funzjonanti xorta waħda kien jirriżulta dovut pagament għall-kera. Għalhekk ma jkunx ġust li l-arbitru jirritjeni li la l-arloġġ kien difettuż allura ma għandux isir ħlas għall-kera tiegħu.*

*Mid-dokument JAS 1 li huma il-kontijiet għall-perijodu in kwistjoni jirriżulta li il-kera tal-meter għall-perijodu kollu bejn il-30/04/2009 sal-24 ta' Jannar 2013 kien jammonta għal €380.37.*

*B'kollox għalhekk għandu jkun hemm dovut ħlas fis-somma ta' €1,219.50 u €380.37 = €1,599.87. Din il-figura tattira VAT bir-rata ta' ħamsa fil-mija [5%] u għalhekk għandha tiżdied is-somma ta' €79.99 biex iġibu b'kollox bħala li huwa dovut is-somma ta' €1,679.86.*

> *Kwantu imbagħad għall-aspett tal-ispejjes ta' dawn il-proċeduri in vista tal-fatt illi l-intimat kien perfettament korrett li ma jħallasx l-ammont mitlub, l-ispiża ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati interament mis-socjetà rikorrenti b'dan illi kull parti tħallas id-drittijiet professjonali tal-konsulenti legali tagħha."*

## L-Appell

7. Is-soċjetà appellanta intavolat ir-rikors tal-appell tagħha fil-5 ta' Marzu, 2018, fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tirriforma l-lodo arbitrali filwaqt li tilqa' t-talbiet tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati. L-ewwel aggravju tagħha jirrigwarda l-evalwazzjoni tal-provi li għamel it-Tribunal sabiex wasal għall-konklużjoni, li skont is-soċjetà appellanta hija waħda erroneja għall-aħħar. It-tieni aggravju tagħha huwa dwar il-kap tal-ispejjeż, fejn qiegħda tinsisti li ma kienx sew li hija kienet ġiet ikkundannata tħallas il-parti l-kbira tal-ispejjeż tal-proceduri arbitrali.

## Ir-Risposta tal-Appell

8. L-appellat wieġeb fit-2 ta' April, 2018 fejn issottometta li l-lodo arbitrali hu wieħed ekwu u ġust, u għalhekk jimmerita li jiġi kkonfermat minn din il-Qorti, bl-ispejjeż kontra s-soċjetà appellanta.

9. Il-kjamat fil-kawża debitament notifikat, għażel li ma jweġibx.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

10. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji li qiegħda tressaq is-soċjetà appellantà, u dan fid-dawl ta' dak li t-Tribunal qies u ddeċieda fil-lodo

arbitrali u meħud inkonsiderazzjoni wkoll is-sottomissjonijiet li qed jagħmel l-appellat.

11. L-appell interpost mis-soċjetà appellanta jolqot proprju l-apprezzament tal-provi li għamel it-Tribunal. Hija qiegħda tilmenta li dan naqas milli jagħmel evalwazzjoni bir-reqqa u b'mod korrett tal-provi inkwistjoni, u li dan wasslu għal konklużjoni erroneja għall-aħħar. Tissottometti li l-ammont ta' €23,846.22 irriżulta minn *actual reading,* u dan skont kif xehdet Antonella Axisa fis-seduta tat-12 ta' Lulju, 2013 u anki kif xehed Reuben Bonnici fis-seduti rispettivi tat-28 ta' Jannar, 2014, tas-16 ta' Settembru, 2015 u tat-13 ta' Settembru, 2016, it-tnejn li huma in rappreżentanza tas-soċjetà appellanta stess. Tirrileva li dan l-aħħar qari kien ikopri sal-10 ta' Marzu, 2011 u għalhekk sa dakinhar id-*display* kien għadu jaħdem. Is-soċjetà appellanta tkompli tgħid li l-qari ma kienx ġie kkontestat mill-appellati, saħansitra sar pagament ta' €300 fis-6 ta' Awwissu, 2012 mingħajr protesta formali jew oġġezzjoni, u għalhekk kien dovut. Għal dak li jirrigwarda il-*"faulty display",* li rriżulta sussegwentement fil-*meter,* is-soċjetà appellanta tgħid li dan ma jwassalx għal reġistrazzjoni inkorretta tal-konsum, għaliex id-difett kien wieħed viżwali biss stante li d-*display* ma kienet qed turi xejn. Is-soċjetà appellanta tirrileva li t-Tribunal qal li kellu jitla' l-*meter reader* sabiex jikkonferma bil-ġurament li l-*meter* kien verament inqara, iżda ssostni li fl-ewwel lok l-appellati qatt ma kkontestaw il-qari u anki tħallas l-ammont ta' €300 kif diġà ngħad, u fit-tieni lok il-kont li nħareġ jindika *actual reading* u għalhekk huwa prova tal-qari tal-*meter* u l-ebda prova fil-kuntrarju ma nġabet. Is-soċjetà appellanta tispjega li wara l-10 ta' Marzu, 2011 ma kienx hemm aktar aċċess għall-fond għall-*meter readers,* u għalhekk il-kontijiet

ħarġu abbażi ta' stejjem u l-konsumatur ma pprovdiex ir-*readings* meħtieġa sabiex issir korrezzjoni ta' dawn l-istejjem u l-kont joħroġ skont il-konsum attwali. Filwaqt li tikkritika l-mod kif it-Tribunal injora dawn il-fatti kollha u anki l-ammissjoni min-naħa tal-appellati sabiex ħadem stima fitizzja, is-soċjetà appellanta tirrileva li l-Inġinier Victor Bonello qatt ma kien mar fil-fond biex jara x'kien hemm. Iżżid tgħid li jekk it-Tribunal deherlu li kellu jistrieħ fuq ir-rapport tal-Inġinier Bonello, huwa kien dovut jagħmel dan fir-rigward tal-kontijiet li ħarġu fuq stima, jiġifieri fuq id-differenza ta' €19,925.57. Għal dak li jirrigwarda l-aggravju dwar il-kap tal-ispejjeż kif deċiż fil-lodo arbitrali, is-soċjetà appellanta tgħid li kien inġust li hija kienet ġiet ikkundannata tħallas il-parti l-kbira tagħhom u dan partikolarment fir-rigward tal-kjamat fil-kawża. Tispjega li hija kienet intavolat il-proċeduri tal-arbitraġġ fil-konfront tal-appellat għaliex il-kont kien isejjaħ proprju lilu kif ikkonferma t-Tribunal stess, u l-appellati qatt ma kienu rregolaw ruħhom fir-rigward tagħha.

12. L-appellat min-naħa tiegħu jsostni li l-konferma li kien hemm *actual reading* tista' tirriżulta biss jekk jixhed/jixhdu l-*meter reader* jew il-*meter readers* li marru fiżikament fil-fond u x-xhieda ta' Antonella Axisa u ta' Reuben Bonnici kienet effettivament *detto del detto.* Jgħid li s-soċjetà appellanta kienet taf sew bil-ħsara fil-*meter,* peress li kien sar *test* fil-5 ta' Novembru, 2012 u l-allegazzjoni tagħha li dan kien għadu tajjeb tibqa' biss allegazzjoni fin-nuqqas ta' prova konkreta. Għal dak li jirrigwarda l-allegat nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tagħhom, l-appellat jikkontendi li kemm hu u anki l-kjamat fil-kawża kienu ilhom żmien twil jilmentaw mas-soċjetà appellanta dwar il-kontijiet u li xtaqu li jsir it-trasferiment tal-*meter* f'isem il-kjamat fil-

kawża. Huwa ma jaqbilx mal-argument li l-ħlas tas-somma miżera ta' €300 kienet tfisser li huwa aċċetta l-kont astronomiku tas-soċjetà appellanta. Meta mbagħad is-soċjetà appellanta tikkontesta x-xhieda u r-rapport tal-Inġinier Victor Bonello billi titfa' d-dubju dwar l-eżistenza tal-*freezers* u tat-tubi fil-fond, huwa jinsisti li kemm hu u anki l-kjamat fil-kawża kienu konsistenti fix-xhieda tagħhom u saħansitra ma sar l-ebda kontroeżami. L-appellat jirrileva li għalkemm l-Inġinier Bonello ma kienx mar fil-fond, huwa xorta waħda kien ra u eżamina ż-żewġ *freezers.* Dwar it-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta, l-appellat isostni li t-Tribunal għaraf li huwa qatt ma kien ikkonsma jew gawda mill-konsum, għaliex l-elettriku kien intuża għall-iskopijiet tal-kjamat fil-kawża. Dan tal-aħħar kien talab sabiex il-kont jiġi trasferit għal fuq ismu, imma s-soċjetà appellanta kienet baqgħet inadempjenti.

13. Il-Qorti ma taqbilx mad-deċiżjoni tat-Tribunal fir-rigward tal-mertu tal-proċeduri odjerni. Dwar il-qari tal-*meter* kif kontestat mill-appellati, it-Tribunal irrileva li meta xehed Reuben Bonnici bħala rappreżentant legali tas-soċjetà appellanta, dan stqarr li mill-ammont reklamat ta' €43,771.79 kienet is-somma ta' €23,846.22 li tirrappreżenta l-qari attwali tal-*meter* li kien hemm fil-fond. It-Tribunal għaraf li bħala fatt kien il-bilanċ li kien jirrappreżenta l-istima tal-konsum, u dan għaliex kull meta kien imur il-*meter reader* kien isib il-post magħluq. Iżda mbagħad it-Tribunal ikompli jgħid ukoll li hekk kif irriżulta minn eżami li sar fil-5 ta' Novembru, 2012 minn persuna inkarigata mis-soċjetà appellanta stess li l-*meter* kien difettuż għax ma kellux *"display",* ma setax jiġi stabbilit meta fil-fatt tali *meter* żviluppa d-difett qabel dik id-data. Għalhekk

huwa kkonsidra li kien jispetta lis-soċjetà appellanta li tipprova li fil-fatt l-*meter reader* kien qed jaqra l-*meter*.

14. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li għall-kuntrarju ġaladarba l-ammont ta' €23,846.22 jirrappreżenta l-qari attwali, dan kien ifisser li r-rappreżentanti tagħha kienu aċċedew fil-fond u qraw il-*meter.* Il-Qorti tgħid li fl-ebda ħin l-appellati allegaw li l-*meter reader* qatt ma kien żar il-fond u għalhekk kuntrarjament għal dak li ppretenda t-Tribunal mingħandha, ma tarax li kien hemm bżonn li s-soċjetà appellanta tagħmel prova taż-żjarat tal-*meter reader.* Iżda hawnhekk is-soċjetà appellanta tagħmel osservazzjoni oħra ferm rilevanti. Tgħid li l-appellati fil-fatt ma kkontestawx dan l-ammont u għalhekk fil-fehma tagħha dan l-ammont kien dovut. Il-Qorti tikkondividi pjenament il-fehma tas-soċjetà appellanta. Il-kjamat fil-kawża xehed[1] li l-fond kien jużah bħala *store* fejn kien poġġa żewġ *freezers* u kellu tliet tubi tal-elettriku. Qal li huma kienu jaraw il-kont ftit eżaġerat, imma dan kien jidher aktar fil-perijodu meta kienet tinħareġ stima tal-konsum, għaliex fix-xhieda tiegħu huwa jgħid *"[m]eta konna nircevu il-kont konna narawh ftit esaġerat. Kien ikun magħluq u meta jiġi l-*meter reader *kien iħallina karta u mbagħad kien jagħmel* assessment *u ma kienx jaqra l-meter hu".* Fir-risposta tiegħu għat-talba tas-soċjetà appellanta, huwa għal darb'oħra ssottometta li l-ammont pretiż kien wieħed eżagerat. Waqt is-seduta tat-28 ta' Jannar, 2014 quddiem it-Tribunal, l-avukat difensur tiegħu spjega li *"...in parti l-ammont mitlub huwa ammess",* iżda dan mingħajr ma jispjega liema parti hija ammessa u liema hija kkontestata. L-appellat min-naħa tiegħu ma kellux wisq xi jgħid, għaliex waqt ix-xhieda tiegħu ddikjara li

[1] Seduta tal-06.10.17.

huwa qatt ma qara l-*meter* inkwistjoni, aċċess għall-garaxx ma kellux u l-kontijiet lanqas kien jiftaħhom.[2] Ma jirriżultax mix-xhieda tal-appellati li matul is-snin huma ressqu xi lment dwar il-kontijiet li huma kienu qegħdin jirċievu. Kien sar pagament ta' €300 fis-6 ta' Awwissu, 2012, u dan kif sewwa tirrileva s-soċjetà appellanta, mingħajr l-ebda protesta jew kundizzjoni, u wara diversi avviżi finali.[3]

15. Is-soċjetà appellanta tikkontendi wkoll li l-fatt li l-*meter* kien qed ibati minn *faulty display,* ma kienx ifisser li kien hemm reġistrazzjoni inkorretta tal-konsum kif indika t-Tribunal. Ir-rappreżentant tas-soċjetà appellanta Reuben Bonnici xehed[4] li *"[m]a setax isir test fuq dan l-arloġġ billi d-*display *kienet marret u għalhekk test dwaru ma setax isir".* Iżda kif sewwa tirrileva s-soċjetà appellanta, in-nuqqas ta' aċċess għall-fond wassal sabiex ma setax jiġi stabbilit meta l-*meter* ġarrab il-ħsara. Tajjeb li jiġi osservat li meta s-soċjetà appellanta ħarġet l-istejjem tal-konsum, l-appellati qatt ma ppreżentaw ir-*readings* tal-*meter* sabiex l-istejjem jiġu kkoreġġuti[5], anki kif diġà kellha l-opportunità li tosserva l-Qorti aktar 'il fuq f'din is-sentenza, minkejja li l-kjamat fil-kawża qed isostni li dawn l-istejjem kienu esaġerati.

16. Ġaladarba stabbilixxa li s-soċjetà appellanta ma kinitx ġabet prova in sostenn ta' dak li stqarret, li l-*meter* kien inqara, it-Tribunal aċċetta l-istima tal-Inġinier Victor Bonello esebita bħala "VB1", filwaqt li għamel riferiment għax-xhieda tiegħu. It-Tribunal jirrileva li tali stima ma kinitx ġiet ikkontesta, wisq

---

[2] Seduta tas-16.09.15.
[3] Ara xhieda ta' Reuben Bonnici seduta tat-28.01.14.
[4] Seduta tat-13.09.16.
[5] Il-kjamat fil-kawża stess ikkonferma dan fix-xhieda tiegħu seduta tas-06.10.17.

anqas kontradetta mis-soċjetà appellanta, u għalhekk iddikjara li huwa għandu jemmen lix-xhud u jaċċetta l-kalkolazzjonijiet tiegħu bħala veritieri. Iżda hawn ukoll is-soċjetà appellanta tagħmel diversi konstatazzjonijiet rilevanti u siewja. Tgħid li t-Tribunal għażel li joqgħod fuq stima kompletament fittizzja u li ma turiex sew il-konsum li kien sar. Irrilevat li l-Inġinier Bonello qatt ma kien aċċeda fil-fond biex jikkonferma verament x'kien hemm, u dan filwaqt li ċċitat parti mix-xhieda tiegħu. Il-Qorti tgħid li hija ċertament ma tħossiex komda tagħmel tagħha l-istima li saret mill-Inġinier Bonello. Dan mhux għaliex hija għandha xi dubju dwar l-abiltajiet jew l-integrità tiegħu, imma għaliex, kif sewwa tgħid is-soċjetà appellanta, huwa ma aċċediex fil-fond u kkonstata dak kollu rilevanti għall-istima tiegħu. Huwa stess ikkonferma li qagħad fuq il-kelma tal-klijent tiegħu, il-kjamat fil-kawża.[6] Dan ifisser li huwa qatt ma kellu l-opportunità li jara b'għajnejh fil-lok l-oġġetti li kienu qegħdin jikkonsmaw l-elettriku u jikkonsidra ċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, inkluż l-użu li kien qed isir minnhom, u jekk kinux qegħdin jiffunzjonaw sew. Għalhekk l-istima tiegħu tista' biss titqies biss bħala waħda ipotetika.

17. Min-naħa l-oħra l-Qorti tikkonsidra wkoll li l-użu tal-fond wisq probabbli kien naqas hekk kif bdiet tinħareġ stima tal-konsum wara li l-*meter reader* kien qed isib il-fond magħluq. Imma hawnhekk il-Qorti tgħid li kien jinkombi fuq is-soċjetà appellanta li ġġib prova dwar il-konsum attwali, prova li hija ġiet sprovvista minnha meta d-*display* instab li ma baqax jiffunzjona. Huwa minnu li hija ma taħtix għall-ħsara eventwali fil-*meter,* iżda ta' dan ma jistax lanqas ibati l-konsumatur. Il-Qorti tagħraf li fil-każ odjern naqsu ż-żewġ partijiet billi

[6] Seduta tas-16.09.15.

tnikkru sabiex jieħdu azzjoni f'waqqtha li permezz tagħha d-difett fil-*meter* seta' ġie żvelat aktar kmieni. Iżda l-prinċipju li min jallega jrid jipprova, ma jistax jitwarrab fl-ebda ċirkostanza u fin-nuqqas ta' prova dwar il-konsum attwali tal-elettriku fil-fond wara l-aħħar qari tal-*meter reader* fl-10 ta' Marzu, 2011, din il-Qorti ma tistax tikkonsidra t-talba tas-soċjetà appellanta għall-ħlas pretiż tal-konsum tal-elettriku. Lanqas tista' tikkonsidra t-talba tagħha għall-ħlas ta' kera tal-*meter,* ġaladarba rriżulta li ġurnata minnhom wara l-10 ta' Marzu, 2011, u li ma setgħetx tiġi stabbilita, dan sar difettuż b'mod li ntilef l-użu tiegħu.

18. Għal dak li jirrigwarda l-kap tal-ispejjeż, fid-dawl tal-konstatazzjonijiet magħmula minn din il-Qorti, fejn jirriżulta li għandha titħallas mill-appellati nofs is-somma pretiża mis-soċjetà appellanta, jidhrilha li jkun aktar xieraq li l-ispejjeż jitħallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

19. Għaldaqstant din il-Qorti ssib l-aggravji tas-soċjetà appellanta ġustifikati limitatament kif ġie spjegat aktar 'il fuq f'din is-sentenza, u tilqagħhom sa fejn ġie kkonstatat li huma ġustifikati.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi billi tirriforma l-lodo arbitrali appellat billi ssib li t-talbiet tas-soċjetà appellanta huma ġustifikati limitatament fis-somma ta' tlieta u għoxrin elf, tmien mija u sitta u erbgħin Euro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€23,846.22), li għandha titħallas**

**solidalment mill-appellati lill-istess soċjetà appellanti, flimkien mal-imgħax kummerċjali li għandhom jibdew jiddekorru fuq l-ammonti kollha reklamati mid-data tal-fatturi rispettivi tagħhom.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri arbitrali u dawk tal-appell odjern, għandhom jitħallsu inkwantu għal nofs mis-soċjetà appellanta, u inkwantu għan-nofs l-ieħor solidalment bejn l-appellati.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**